2023/2814

18.12.2023

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2814

## tal-11 ta' Diċembru 2023

## li japprova emendi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta jew ta' Indikazzjoni Ġeografika Protetta ("Tejo" (PGI))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emendi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta Tejo li bagħat il-Portugall f'konformità mal-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), kif meħtieġ mill-Artikolu 97(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott jiġu approvati f'konformità mal-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar l-isem Tejo (IĠP), hija b'dan approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President,*
Janusz WOJCIECHOWSKI
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU C 255, 20.7.2023, p. 13